# SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 2** | **SOCIAL STUDIES** | **TIME: 1hr 30mins** |
|---|---|---|

Isem: ___________________________________ Klassi: _______________

**A. Agħmel sing taħt it it-tajba:**

1. Fuq l-Identity Card ikun hemm informazzjoni (fuq is-soċjeta', familja, fuqi).
2. Billi jien għandi l-idejat, il-ħsibijiet u x-xewqat personali tiegħi jiena (ċittadin/a, student/a, individwa/u).
3. L-ambjent fil-familja jippreparani biex nieħu posti (fl-iskola, fis-soċjeta', id-dar).
4. Il-familja, il-klassi u l-ħbieb huma kollha gruppi (soċjali, personali, individwali).
5. Ilkoll nagħmluha ma' l-oħrajn fis-soċjeta' u magħhom nibnu (xogħol, mistrieħ, relazzjonijiet).
6. Ir-rispett, l-għajnuna u l-koperazzjoni huma kollha (valuri, idejat, ħsibijiet) li għandi bżonn f'ħajti.
7. Is-soċjalizzazzjoni tgħinni biex nifhem kif għandi nġib ruħi ma' l-oħrajn (fis-soċjeta', fit-tijatru, fil-karozza).
8. Jiena għandi nisma' iżjed minn qanpiena waħda biex nifforma (storja, opinjoni, xewqa).
9. Il-komunita' fejn noqgħod jien tissejjaħ (lokali, nazzjonali, internazzjonali).
10. Malta qiegħda (fin-nofs, fix-xellug, fil-lemin) tal-Baħar Mediterran.

**(1x10=10)**

**B. Għaqqad A ma' B (billi tagħmel numru fil-kaxxa)**

L-identita' personali hija tagħna bħala persuni. Turi min aħna bħala parti mis-soċjeta' li ngħixu fiha. Din tagħrafna minn xulxin għax aħna individwi bl-idejat, il-ħsibijiet u l-opinjonijiet tagħna.

| A | | B |
|---|---|---|
| 1. L-identita' | | hu dokument legali biex insiefer bih. |
| 2. L-identita' personali | | fiha isem, kunjom, ritratt u ċittadinanza. |
| 3. L-identita' soċjali | | tagħrafna mill-oħrajn. |
| 4. Il-karta ta' l-identita' | | tagħraf ir-rwol tiegħi fis-soċjeta'. |
| 5. Il-passaport | | turi min aħna bħala persuna. |

**(2x5 =10)**

## Ċ. Aqra u wieġeb

Malta pajjiżna hi gżira f'nofs il-Mediterran, li permezz tagħha sa mill-bidu żammejna komunikazzjoni ma' pajjiżi oħrajn viċin. It-Tempji Neolitiċi huma xhud tal-kultura antika tagħna l-Maltin u huma uniċi fid-dinja. L-Istorja ta' pajjiżna turina li konna maħkumin mill-barrani, iżda llum aħna repubblika indipendenti, u għandna Innu, President u Parlament Malti. Inżommu rabtiet ta' ħbiberija mal-pajjiżi l-oħrajn kollha, u aħna membri tal-Ġnus Magħquda u għaqdiet oħrajn internazzjonali.

1. X'jiġifieri Malta hija gżira?

_______________________________________________ (2)

2. Fejn qiegħda Malta fuq il-mappa tad-dinja?

_______________________________________________ (2)

3. Kif konna nikkomunikaw l-aktar ma' pajjiżi oħrajn fl-antik?

_______________________________________________ (2)

4. X'għandna x'nuru mill-kultura antika tagħna?

_______________________________________________ (2)

5. X'tgħallimna l-Istorja dwar kif konna mmexxija fl-antik?

_______________________________________________ (4)

6. Taf issemmi 2 mill-ġnus li ħakmu fuq pajjiżna qabel?

_______________________________________________ (2)

7. Ikteb l-ewwel vers ta' l-Innu Malti.

_______________________________________________ (2)

8. X'inhu l-Parlament?

_______________________________________________ (2)

9. X'inhi l-Ġnus Magħquda?

_______________________________________________ (2)

**(2x10=20)**

## D. X'jissejħu dawn

1. membru tas-soċjeta' _______________________
2. imħabba u għajnuna _______________________
3. il-kapaċitajiet tiegħi _______________________
4. post minn fejn nissellef il-kotba _______________________
5. nies pensjonanti li ħadmu għalina qabel _______________________

6. sustanza li tagħmilli ħsara f'saħħti ______________________________

7. il-libsa ta' l-iskola li jien kburi/ja biha ______________________________

8. it-T.V., radju, telefon, video eċċ ______________________________

9. għaqda ta' nies mibnija fuq trobbija u mħabba ______________________________

10. post ta' tagħlim għall-futur ______________________________

**(1x10=10)**

**E. <u>Ir-rwol tiegħi</u>**

Ir-rwol tiegħi ifisser is-sehem li għandi nagħti f'ħajti bħala membru mis-soċjeta' li ngħix fiha, għaliex jiena nifforma parti minn ħafna gruppi soċjali differenti.
Semmi 2 responsabbiltajiet li għandek int.

a)fil-familja ______________________________ ______________________________

b)fil-klassi ______________________________ ______________________________

c)fl-iskola ______________________________ ______________________________

d) fil-komunita' fejn toqgħod______________________________ ______________________________

e) bħala membru tal-knisja ______________________________ ______________________________

**(2x5=10)**

**F. <u>Agħti tifsira tal-kliem b' sing taħtu</u>**

1. Fil-pajjiż hawn <u>solidarjeta' soċjali</u> bejn min għandu u min hu fil-bżonn ______________________________

2. Kulħadd għandu <u>l-identita' personali</u> tiegħu ______________________________

3. Fil-familja u fl-iskola nitgħallem nibni <u>relazzjonijiet soċjali</u> ______________________________

4. Fis-soċjeta' <u>nissoċjalizza</u> man-nies l-oħrajn ______________________________

5. Kulħadd għandu <u>t-talenti</u> tiegħu ______________________________

**(2x5=10)**

**G. Kieku int x'kont tagħmel**

a) jinqala' argument fil-familja ______________________________________________

______________________________________________________________________

b) xi kultant ma taqbilx mal-ġenituri ___________________________________________

______________________________________________________________________

c) il-ħabib/a beda/bdiet jitħajjar/titħajjar i/tpejjep ____________________________

______________________________________________________________________

d) il-ħabib/a iħajrek/tħajrek biex tixtri oġġett bħal tiegħu/tagħha li jiswa ħafna flus

______________________________________________________________________

e) student fil-klassi Iġib ruħu ta' 'bully' ma' l-oħrajn _____________________________

______________________________________________________________________

**(2 x 5 =10)**

**H. Ikteb madwar 100 kelma fuq wieħed minn dawn.**

1 Jista' jkollna ħutna fil-familja, iżda għandna "ħutna" fis-soċjeta', u għandna "ħutna" f'pajjiżi oħra li bil-kemm għandhom x'jieklu. Ikteb dwar dawn ħutna kollha u kif iġġib ruħek magħhom.

2. L-ambjent hu tagħna lkoll. Tkellem dwar l-ambjent li ngħixu fih aħna fil-familja, fl-iskola u fil-pajjiż.

3. Il-kultura tagħna tiġbor fiha l-Istorja ta' pajjiżna, il-lingwa u fdalijiet storiċi. Ikteb dwar dawn it-tliet aspetti tal-ħajja tagħna l-Maltin.

4. Ma nistgħux naqblu f'kollox bejnietna, għax ilkoll għandna l-idejat u l-opinjonijiet personali tagħna. Tkellem dwar xi darba meta ma qbiltx mal-ġenituri u mal-ħbieb u kif sibtu soluzzjoni.

5. Niltaqa' ma' ħafna nies f'ħajti, fil-familja, fl-iskola u kullimkien. Għid kif għandek iġġib ruħek skond ma' min tiltaqa' u l-post fejn tkun.

6. Tkellem dwar xi proġett jew ħarġa ma' ta' l-iskola dis-sena, u x'tgħallimt minnha.

**(20)**